MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2019

Rikors Maħluf Numru 303/2016 LM

**1. Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Paul Ellul (ID 600082M) sija bil-liġi u sija bil-polza, u l-istess Paul Ellul; u**

**2. Maria Stella sive Maris Ellul (ID 2971M)**

***vs.***

**Alexandra Agius (ID 72170M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' April, 2016 mis-soċjetà attriċi **Gasan Mamo Insurance Limited** kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Paul Ellul, u kif ukoll mill-atturi **Paul Ellul** (K.I. 600082M) u **Maria Stella *sive* Maris Ellul** (ID 2971M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Paul Ellul u Maria Stella Ellul stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi, nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 fi Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr seħħ inċident awtomobilistiku bejn vettura tal-għamla Hyundai Atos, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBM-068 misjuqa mill-attriċi Maria Stella Ellul li hija residenti ġewwa Qalb ta' Ġesù, Triq Dun Karm, Birkirkara u l-vettura tal-għamla Toyota Vitz, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBD-498 misjuqa mill-konvenuta Alexandra Agius li hija residenti ġewwa Grandsite, Blk. B, Fl. 34, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar;*

2. *Illi, konsegwenti għall-inċident suriferit, il-vettura proprjetà ta' Paul Ellul, u assikurata taħt polza assikurattiva tat-tip 'comprehensive' bin-numru 705120187570, kienet distrutta totalment u Maris Ellul, li dak il-ħin kienet qiegħda ssuq il-vettura waħedha ġarrbet ġrieħi ta' natura gravi u kellha tiġi rikoverata fl-Isptar Mater Dei fejn sarulha diversi interventi mediċi u fejn ukoll, inter alia, kellha żmien ta' rikoveru diffiċli mmens u pjuttost twil;*

3. *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, jirriżulta li l-konvenuta Alexandra Agius li hija sid il-vettura fuq imsemmija u li kienet dak il-ħin tal-inċident qiegħda ssuq il-karozza b'imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' ħila u/jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku, ikkawżat l-inċident tat-traffiku li jifforma l-qofol ta' din il-vertenza;*

4. *Illi, Alexandra Agius kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha fid-direzzjoni oppposta għal dik tal-attriċi. Il-konvenuta kienet sejra fid-direzzjoni lejn l-Imġarr u Maris Ellul, li kienet għadha ħierġa mill-Iskola San Anton fejn hi impjegata bħala għalliema, kienet qiegħda ssuq fid-direzzjoni lejn il-Mosta. Jidher li għal xi raġuni l-konvenuta Agius bdiet issuq fuq in-naħa l-oħra tat-triq u saqet fil-karreġġjata tal-attriċi;*

5. *Illi, peress li fil-mument tal-impatt il-vettura tal-konvenuta kienet tinsab kollha kemm hi fil-karreġġjata l-ħażina, ossija dik tal-attriċi li da parti tagħha kienet tinsab fil-karreġġjata korretta tagħha, dan ifisser li t-tort esklussiv għal din il-kolliżjoni jinkombi totalment fuq il-konvenuta, u dan wara kollox kif ser jiġi ampjament ippruvat tul il-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

6. *Illi, l-ispeċjalista kuranti Mr Massimo Abela M.D. F.R.C.S., kirurgu ortopediku, eżamina lir-rikorrenti Maris Ellul u ddetermina fir-relazzjoni medika tiegħu li hija baqgħet sal-lum tbati minn diżabilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%), kopja ta' liema relazzjoni ddatata l-24 ta' Novembru, 2015, qiegħda tiġi hawn annessa flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkata bħala 'Dok. A';*

7. *Illi, l-attur Paul Ellul, li kemm-il darba ma kienx qiegħed fil-vettura dak il-ħin tal-inċident, sofra wkoll danni inġenti u dana peress li l-vettura misjuqa mill-attriċi*

*Maris Ellul in-nofs sehem indiviż tagħha hija proprjetà tiegħu, u rreġistrata f'ismu, liema vettura ġiet totalment distrutta;*

8. *Illi, il-fatti huma kollha miġbura fl-atti tal-inkjesta li ġġib in-numru 50/14 – 'Inkjesta dwar inċident tat-traffiku ġewwa Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr, bejn vettura BBM 068 Hyundai Atos misjuqa minn Maria Stella Ellul 2971M u vettura GBD 498 Toyota Vitz misjuqa minn Alexandra Agius 72170 M', mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti inkwerenti;*

9. *Illi, l-attriċi Maris Ellul ġiet ammessa ġewwa l-Isptar Mater Dei nhar it-30 ta' Ottubru, 2014, u mill-ewwel ittieħdet fil-qasam tal-Kura Intensiva fejn ġie ddeterminat li kienet qiegħda tbati minn Hangman's Fracture u fejn ġiet somministrata lilha kura aggressiva billi, inter alia, ġiet lilha installata Halo Brace u dan kif wara kollox ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża u kif ukoll kif jista' jiġi faċilment deżunt mir-rapport redatt mit-tabib kuranti Dr Luke Zammit (Medical Reg. No. 5584) taħt id-direzzjoni tal-Kirurgu Ortopediku Mr Joe Borg M.D., F.R.C.S. kopja ta' liema rapport qiegħed jiġi anness flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala 'Dok. B';*

10. *Illi, l-attriċi, bħala riżultat dirett tal-kolliżjoni, mertu ta' din il-kawża sofriet ksur fix-xewka t'għonqha, liema ksur kien għal periklu prossimu ta' ħajjitha kif ser jiġi muri tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża, liema mewt ma seħħx minħabba ċirkostanzi barra mill-kontroll tal-konvenuta Alexandra Agius;*

11. *Illi, minkejja l-perijodu ta' immobilizzazzjoni bl-opra ta' halo brace, liema brace sussegwentement inqalgħetilha b'peġġorament qawwi tas-sintomi tagħha, u dan kif jirriżulta mir-rapport mediku maħruġ mill-Isptar Mater Dei nhar is-27 ta' Novembru, 2014, redatt mill-istess tabib kuranti Dr Luke Zammit M.D., taħt id-direzzjoni tal-Kirurgu Ortopediku Mr. Joe Borg M.D., F.R.C.S., kopja ta' liema rapport qiegħed jiġi hawn anness flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala 'Dok. C';*

12. *Illi, bħala parti mill-kura li kellha tieħu l-attriċi hi ġiet sottomessa għal numru ta' testijiet u ġew somministrati lilha numru ta' mediċini li ħallew lill-attriċi f'qagħda li ma setgħetx tirritorna lura għax-xogħol tagħha għal diversi xhur;*

13. *Illi, ir-rapport relattiv tal-Għassa tad-Distrett iġib in-numru 9/V/5271/2014, kopja ta' liema rapport qiegħed jiġi hawn anness flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala 'Dok. D';*

14. *Illi, b'riżultat tal-inċident suriferit, l-attriċi sofriet danni inġenti, konsistenti inter alia f'telf ta' qligħ (lucrum cessans) mill-professjoni tagħha bħala għalliema u danni emerġenti (damnum emergens) relatati ma' spejjeż inkorsi b'riżultat tal-*

*inċident, liema danni huma kollha fl-interezza tagħhom attribwibbli lill-konvenuta Alexandra Agius u kemm-il darba ġiet interpellata b'ittra uffiċjali datata nhar is-6 ta' Frar 2015 sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni hawn imsemmija, hija baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha tiġi adottata din il-proċedura, kopja legali ta' liema ittra qiegħda tiġi hawn annessa flimkien ma' dan ir-rikors u mmarkata bħala 'Dok. E';*

15. *Illi da parti tagħha, is-soċjetà attriċi ħallset l-ammont ta' elf, sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u tmienja u erbgħin euroċenteżmi (€1,699.48) u dana bħala ridanni subiti in konnessjoni mal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BBM 068 irreġistrata f'isem l-assikurat tagħha Paul Ellul u dana kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawża;*

16. *Illi s-soċjetà attriċi interpellat lill-konvenuta u lis-soċjetà assikuratriċi tagħha sabiex iħallsu d-danni in kwistjoni, u dana permezz ta' ittra uffiċjali datata 16 ta' April, 2015 – kopja informali annessa u mmarkata bħala 'Dok. F' – iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

*Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

1. *Tiddikjara illi l-inċident tat-traffiku li seħħ nhar it-30 ta' Ottubru, 2014 ġewwa Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr bejn vettura tal-għamla Hyundai Atos, bin-numru ta' reġistrazzjoni BBM 068 misjuqa mill-attriċi Maria Stella Ellul li hija residenti ġewwa Qalb ta' Ġesù, Triq Dun Karm, Birkirkara u l-vettura tal-għamla Toyota Vitz, bin-numru ta' reġistrazzjoni GBD-498 misjuqa mill-konvenuta Alexandra Agius li hija residenti ġewwa Grandsite, Blk. B, Fl. 34, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar, ġara b'riżultat ta' imperizja, traskuraġni, nuqqas ta' ħila u/jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku tal-konvenuta Alexandra Agius; u konsegwentement*

2. *Tillikwida d-danni kollha, sija ta' ċessazzjoni ta' lukru u danni emerġenti, sofferti mill-atturi Maria Stella k/a Maris u Paul, konjugi Ellul, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

3. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attriċi Gasan Mamo Insurance Limited, hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha, Paul Ellul, sija bil-liġi u sija bil-polza; u konsegwentement*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti solidalment u bejniethom sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

5. *Tagħti kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Frar, 2015 u tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' April, 2015, u bl-imgħax skont il-liġi, kontra l-konvenuti li huma minn issa stess inġunti għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Alexandra Agius** (K.I. numru 72170M) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-17 ta' Mejju, 2016, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

1. *Illi l-inċident de quo ma seħħ b'ebda mod minħabba xi traskuraġni jew imperizja jew nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti tat-traffiku da parti tal-eċċipjenti, kuntrarjament għal dak espost fl-istess Rikors Maħluf, u għaldaqstant ir-responsabbilità għall-inċident, kontemplata fl-ewwel talba, hija kontestata u l-eċċipjenti għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi b'referenza għat-tieni talba, konsegwentement l-eċċipjenti m'għandha tġi kkundannata tħallas ebda danni lill-attriċi Maria Stella Elllul;*

3. *Illi, b'referenza għat-tieni u t-tielet talba, konsegwentement, l-eċċipjenti m'għandha tiġi kkundannata tħallas ebda danni lill-atturi Gasan Mamo Insurance Ltd u Paul Ellul;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Diċembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## **Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attriċi Maria Stella *sive* Maris Ellul u l-konvenuta Alexandra Agius kienu involuti f'inċident awtomobilistiku li kien jikkonsisti f'kolliżjoni frontali li seħħet fi Triq iż-Żebbiegħ, l-Imġarr, u li konsegwentement wassal biex il-partijiet weġġgħu serjament, tant hu hekk li għal xi ħin wara l-inċident l-attriċi kienet fil-periklu li titlef ħajjitha, filwaqt li l-vetturi tal-partijiet rispettivi spiċċaw skrappjati t-tnejn. L-attriċi tgħid li għal xi raġuni l-konvenuta invadiet il-karreġġjata tagħha b'mod li din ma kellhiex kontroll fuq il-vettura tagħha, tant li mir-riżultanzi tal-inkjesta maġisterjali li saret, irriżulta li l-konvenuta ma ppruvatx iżżomm il-*brake* jew b'xi mod tevita l-ħabta frontali, iżda baqgħet dieħla dritt fil-vettura misjuqa mill-attriċi.

Min-naħa l-oħra l-konvenuta qiegħda tikkontesta r-responsabbilità tagħha għal dan l-inċident billi tallega li hi sofriet *black out* jew ħass ħażin li minħabba fih ma tafx b'liema mod seħħ l-inċident, u li l-unika memorja li għandha ta' dak li seħħ hi li meta ġiet lura f'sensiha kien hemm numru ta' persuni miġbura mal-vettura tagħha.

## **Provi u riżultanzi**

Kontestwalment mar-rikors promutur l-attriċi esebiet kopja ta' rapport mediku redatt mill-konsulent ortopediku **Mr Massimo Abela**[1], li eżamina lill-

[1] *A fol.* 9 tal-proċess.

attriċi fl-24 ta' Novembru, 2015, u għalhekk madwar sena wara li kien seħħ l-inċident fit-30 ta' Ottubru, 2014. Dan l-espert mediku *ex parte* li kkonstata li l-inċident seħħ meta l-vettura misjuqa mill-attriċi ħabtet *head on* ma' vettura misjuqa mid-direzzjoni opposta. Mal-impatt l-attriċi ħasset uġigħ akut f'għonqha u f'partijiet minn saqajha, u meta ttieħdet l-Isptar din ġiet trasferita fit-Taqsima tal-Kura Intensiva minħabba fil-ġrieħi estensivi li kellha. Mr Abela rrelata fir-rapport tiegħu li l-attriċi għadha ssofri minn uġigħ qawwi f'għonqha, u minn telf ta' sensazzjoni f'idejha. Mr Massimo Abela kkonkluda r-rapport tiegħu:

> *"Ms Maris Ellul suffered fractures of both pedicles of the C2 vertebra after being involved in a traffic accident on 30/10/2014. This was a potentially life threatening injury in view of the fact that any degree of displacement of the fracture at this level could have led to damage to the spinal cord, paralysis of the respiratory muscles and possibly death. The fracture was managed successfully with a period of immobilisation in a halo vest.*
>
> *Ms Ellul continues to complain of pain and limitation of movement in the cervical spine as is usually the case with such injuries. The neurological examination conducted today and the MRI san of 22/10/2015 reveals no evidence of sinal cord or nerve root damage.*
>
> *I rate Ms Maris Ellul's level of permanent disability at 6% (six percent)."*

L-attriċi ppreżentat ukoll kopja tal-*case summary* fir-rigward tat-trattamenti li ngħatat fl-Isptar Mater Dei[2], kif ukoll kopja tar-rapport tal-Pulizija b'rabta mal-inċident mertu tal-kawża.[3] Ġiet esebita wkoll kopja tal-ittra uffiċjali mibgħuta mill-atturi lill-konvenuta fir-rigward tal-imsemmi incident.[4]

[2] *A fol.* 13 tal-proċess.
[3] *A fol.* 16 tal-proċess.
[4] *A fol.* 22 tal-proċess.

L-attriċi **Maria Stella sive Maris Ellul** fl-*affidavit* tagħha[5] qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi kienet għadha kif spiċċat mill-ġurnata tax-xogħol tagħha bħala għalliema fl-iskola San Anton fl-Imselliet, u kienet għaddejja minn Triq iż-Żebbiegħ, fid-direzzjoni lejn il-Mosta, meta mid-direzzjoni opposta rat il-vettura tal-għamla Toyota Vitz misjuqa minn Alexandra Agius li għal xi raġuni invadiet il-karreġġjata tagħha. L-attriċi qalet li għall-bidu hija ħasbet li l-konvenuta kienet ser tagħmel sorpass u terġa' tidħol fil-karreġġjata tagħha, iżda għal xi raġuni din baqgħet issuq b'veloċità qawwija u daħlet dritt għal fuq l-attriċi. Kompliet tgħid li hija ħadet *brake* qawwi sabiex tevita li jkun hemm impatt bejn il-vetturi, iżda minkejja dan il-konvenuta baqgħet dieħla direttament fil-vettura tagħha min-naħa ta' quddiem. Żiedet tgħid li sal-mument meta seħħ l-impatt, il-konvenuta la biddlet id-direzzjoni tagħha, la naqqset il-veloċità li kienet għaddejja biha u lanqas ma għamlet xi manuvra sabiex tevita dan l-inċident. L-attriċi qalet ukoll li hija ma rat xejn li seta' b'xi mod jostakola jew itellef lill-vettura l-oħra. L-attriċi qalet li mal-impatt hi rat dalma kbira quddiem għajnejha, u hekk kif ġiet f'tagħha sabet li l-vettura tagħha kienet daret fuq in-naħa tal-lemin tax-xufier, telgħet il-bankina li hemm fil-karreġġjata fejn kienet qiegħda ssuq hi, u ġiet tħares lejn il-ħajt tas-sejjieħ in-naħa l-oħra. Ix-xhud qalet li kellha uġigħ qawwi f'għonqha u demm nieżel minn ma' rasha u talbet lin-nies li marru joffru l-ewwel għajnuna sabiex iċemplu għall-ambulanza. Qalet li hekk kif ittieħdet l-Isptar ġie stabbilit li hi kienet sofriet ksur fil-ġewża ta' għonqha u li kellha wkoll diversi tbenġil u qsim f'rasha. Wara xħin ittieħdet fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar minħabba li ġie stabbilit li l-ġrieħi kienu ta' natura gravi u għal xi ħin l-attriċi kienet fil-periklu tal-mewt. L-attriċi żiedet tgħid li l-vettura misjuqa minnha kellha

[5] *A fol.* 34 tal-proċess.

ħsarat kbar, u din ġiet iddikjarata *total loss* tant li ġiet skrappjata wara xi żmien. L-attriċi ddeskriviet l-uġigħ u t-tbatija li għaddiet minnhom anki waqt l-interventi li sarulha meta tpoġġiet f'*halo brace*, intervent li kif iddeskrivietu l-attriċi huwa wieħed delikat u li jikkawża uġigħ kbir stante li jsir mingħajr loppju. L-attriċi qalet ukoll li wara dan l-intervent rawha xi *occupational therapists* li tawha parir dwar x'għandha tagħmel biex tiffaċilita l-ħajja għaliha u għall-persuni ta' madwarha, u tawha parir ukoll tikri jew tixtri xi attrezzaturi sabiex jgħinuha. Qalet li anki wara li ġiet rilaxxjata mill-Isptar, hi u r-raġel tagħha kellhom imorru joqogħdu mal-ġenituri tar-raġel tagħha fil-Kalkara, u għal tul ta' żmien hi tilfet l-indipendenza tagħha kważi kompletament, tant li kellha bżonn l-għajnuna biex tagħmel ħafna affarijiet fil-ħajja ta' kuljum. L-attriċi qalet li lanqas torqod ma kienet tista', tant li kienet torqod bilqiegħda għall-perijodu kollu tal-konvalexxenza tagħha, u fil-ftit ħin li kienet torqod kien ikollha rqad mimli disturbi, ħsibijiet, biżgħa u inkwiet. L-attriċi qalet li l-*halo brace* tneħħitilha fis-27 ta' Jannar, 2015 u minn dakinhar sa Mejju tal-istess sena kienet tattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija sabiex terġa' tikseb il-flessibilità u l-moviment f'għonqha. Kompliet tgħid li minħabba f'dan l-inċident damet ma tidħol lura xogħol għal diversi xhur, u meta daħlet lura fid-9 ta' Marzu, 2015, hi setgħet tagħmel biss *light duties,* u kien biss diversi ġimgħat wara li hija setgħet tieħu kontroll tal-klassi waħedha bħala għalliema. Fl-*affidavit* tagħha l-attriċi tat elenku tad-danni materjali sofferti minnha. L-attriċi qalet li konsegwenza ta' dan l-inċident hi għadha tbati minn uġigħ f'għonqha, liema uġigħ jibqa' nieżel għal spallejha u jitfaċċa speċjalment meta tkun qagħdet fl-istess pożizzjoni għal tul ta' ħin u lejn l-aħħar tal-ġurnata. Żiedet tgħid li dan l-inċident affettwaha psikoloġikament u emozzjonalment u l-fatt li t-triq fejn seħħ l-inċident tgħaddi minnha ta' kuljum biex tmur xogħol,

ma tantx għenha tirkupra psikoloġikament. L-attriċi kkonkludiet l-*affidavit* tagħha billi qalet:

> "Jien ma kelli ebda tort f'dan l-inċident tat-traffiku, kont qiegħda nsuq fuq in-naħa tiegħi tat-triq ġol-karreġġjata li tagħti lejn il-Mosta, fil-limiti tal-veloċità skont il-liġi, fejn mingħajr raġuni ta' xejn persuna oħra ġejja mid-direzzjoni opposta daħlet b'qawwa ġo fija u kkaġunatli diversi danni, sija fiżiċi, emozzjonali u materjali u peress li ma naħti xejn għalihom għandi niġi kkumpensata għalihom."

L-attriċi esebiet diversi ritratti bil-vetturi maħbutin wara l-inċident[6], kopji ta' diversi rċevuti għal xiri u kiri ta' tagħmir mediku li kellha tagħmel konsegwenza ta' dan l-inċident[7], kif ukoll kopja tal-iskeda tal-ħin li fih hi kellha tagħmel *supervision duties* mat-tfal fl-iskola fejn tgħallem, u li minħabba l-inċident spiċċat m'għamlithomx, b'telf ta' introjtu għaliha.

L-attur l-ieħor **Pierre Ellul** fl-*affidavit* tiegħu qal li dakinhar tal-inċident, f'temp ta' ftit minuti hu irċieva tliet telefonati biex jinfurmawh li martu kienet involuta f'inċident tat-traffiku. Qal li hu mar fid-Diaprtiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei fejn sab lil martu fuq *stretcher* b'kullar ma' għonqha, u fejn ġie infurmat li kienu diġà saru numru ta' testijiet fuq martu u ġie stabbilit li din kienet kisret il-ġewża ta' għonqha. Żied jgħid li wara ftit tal-ħin martu ntbagħtet fit-Taqsima tal-Kura Intensiva tal-Isptar minħabba li nstab li kienet qiegħda ssofri minn ġrieħi ta' natura gravi u kienet ukoll fil-periklu li titlef ħajjitha. L-attur qal li waqt li kien għadu l-Isptar ħdejn martu, hu rċieva telefonata mingħand surġent tal-Pulizija li qallu li l-vetturi li kienu involuti fl-inċident kienu ser jitneħħew mill-Pulizija u infurmah li jekk kien hemm xi effetti personali x'jitneħħew minn ġo fihom, kellu jmur għalihom dak il-ħin

[6] *A fol*. 43 *et seq* tal-proċess.
[7] A fol. 50 *et seq* tal-proċess.

stess. Żied jgħid li hekk kif wasal fis-sit fejn seħħ l-inċident, ħa qatgħa kbira meta ra l-vetturi f'liema stat kienu, u seta' jara li bid-daqqa l-vettura li kienet qiegħda tinstaq minn martu kienet daret u telgħet fuq il-bankina. Qal li seta' jara wkoll li l-vettura tal-għamla Toyota Vitz li kienet qiegħda tinstaq mill-konvenuta, kellha parti minnha fil-karreġġjata minn fejn kienet għaddejja l-mara tiegħu. L-attur qal li minħabba li l-vettura li kienet qiegħda tinstaq minn martu kellha tiġi skrappjata, hu kellu jixtri vettura oħra bi spiża addizzjonali ta' sitt elef, u disa' mitt Euro (€6,900). L-attur kompla jgħid li ż-żminijiet ta' wara l-inċident kienu diffiċli ħafna għalihom minħabba li martu kellha bżonn ħafna għajnuna anki wara li ħarġet mill-Isptar, tant li għal xi żmien huma marru jgħixu fid-dar tal-ġenituri tiegħu li huma anzjani. Qal li hu ħa diversi ġranet ta' *leave* speċjali mill-post tax-xogħol tiegħu minħabba li kien jibża' jħalli lil martu waħedha, u dan b'telf ta' dħul għalih. L-attur ippreżenta kopja ta' dokument li jindika li sar ħlas lilu fl-ammont ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) mis-soċjetà assiguratriċi Gasan Mamo Insurance Limited bħala ħlas tal-vettura li konsegwenza tal-imsemmi inċident kellha tiġi skrappjata. Ippreżenta wkoll kopja ta' *cheque* għall-ħlas ta' sitt elef u disa' mitt Euro (€6,900) li sar lil Ventur AutoImports fir-rigward ta' vettura oħra li l-atturi kellhom jixtru minflok dik li kienet involuta fl-inċident inkwistjoni.

Is-soċjetà attriċi ppreżentat l-*affidavit* ta' **Maximilian Borg Bonello**[8], *manager* fil-*Motor Claims Department* tal-istess kumpannija, li qal li t-tip ta' polza li kienet tkopri l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet tat-tip *comprehensive.* Qal li s-soċjetà attriċi kienet ġiet infurmata bl-inċident inkwistjoni mill-attur Paul Ellul fil-31 ta' Ottubru, 2014, u s-soċjetà attriċi kienet irċeviet kopja tar-rapport tal-Pulizija fir-rigward tal-inċident fl-4 ta' Novembru, 2014, flimkien

[8] *A fol.* 113 tal-proċess.

ma' kopja ta' *witness statement* ipprovdut minn persuna li rat l-inċident.[9] Ix-xhud qal li fl-20 ta' Frar, 2015 is-*surveyor* Tarcisio Mercieca kien ġie inkarigat iħejji *survey report* fir-rigward tal-vettura tal-atturi li ġie stabbilit li kienet *total loss* u li kellha tiġi skrappjata.[10] Ix-xhud qal li fil-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru 2014 u l-bidu tas-sena 2016 kienu saru kuntatti mas-soċjetà li magħha kienet assikurata l-konvenuta, u ċioè Citadel Insurance plc, f'tentattiv sabiex jintlaħaq arranġament għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi, iżda s-soċjetà Citadel Insurance ma riditx taċċetta r-responsabbilità għal dan l-inċident u lanqas m'aċċettat li tersaq għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi.[11] Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-ammont ta' danni sofferti mis-soċjetà attriċi huwa ta' elf, seba' mija u disgħa u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,769.36). Is-soċjetà attriċi Gasan Mamo Insurance Limited esebiet ukoll kopja tal-proċess verbal fl-atti tal-inkjesta maġisterjali li saret fir-rigward tal-imsemmi inċident.[12]

Fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2016 xehed **Stephen Cachia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta[13], li ntalab jagħmel riċerka fuq iż-żewġ vetturi involuti fl-inċident inkwistjoni. Qal li l-vettura tal-għamla Hyundai Atos ta' kulur aħdar irreġistrata fuq Paul Ellul, li kienet ilha fit-triq mis-6 ta' Marzu, 2001, kienet ġiet skrappjata fis-26 ta' Frar, 2015.[14]

---

[9] *A fol.* 118 tal-proċess. Dan ix-xhud, Mark Camilleri iddeskriva dak li ġara b'dan il-mod, *"As we drove behind each other, all of a sudden a grey (silver colour) car coming from the opposite direction, that is from Mosta in the direction of Mġarr, did not adhere to curvature of the road with the consequence that the car kept driving in a straight line ending up driving on the wrong carriageway. It was more than obvious that this move was not an overtaking maneouvre on the part of the oncoming car. Being a single carriageway, there was no way of outmaneouvering the oncoming car. I immediately stopped and anticipated that the car was going to collide with the Hyundai Atos at all costs. As it did so, the Atos was thrown backwards and to the side with the force of the impact and the other car bounced back as well."*
[10] *A fol.* 126 tal-proċess.
[11] *A fol.* 135 tal-proċess.
[12] *A fol.* 120 tal-proċess.
[13] *A fol.* 152 tal-proċess.
[14] Dokumenti annessi *a fol.* 155 *et seq* tal-proċess.

Fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2016 xehed l-**Ispettur Nicholas Vella**[15], stazzjonat l-Għassa tal-Mosta, li qal li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ bejn il-ħruġ tal-iskola San Andrea u San Anton u r-*roundabout* li hemm magħrufa bħala 'Tad-Dwejra'. Qal li hekk kif wasal fuq il-post, il-persuni involuti fl-inċident kienu diġà ttieħdu l-Isptar bl-ambulanza. Ix-xhud qal li l-kolliżjoni kienet waħda *head-on,* u wara li saret l-inkjesta maġisterjali kienu ħarġu l-akkużi fil-konfront tal-konvenuta.

Fl-istess udjenza xehed il-**PS 1300, Julian Fenech**[16], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident, hu kien stazzjonat l-Għassa tal-Qawra, meta ġie infurmat li kien seħħ inċident fi Triq iż-Żebbiegħ. Żied jgħid li meta wasal fuq il-post, sab li diġà kienu waslu għadd ta' uffiċjali tal-Pulizija fuq il-post, u l-inċident kien jikkonsisti f'ħabta frontali bejn żewġ vetturi. Ix-xhud qal li hu kellem lill-attriċi l-Isptar madwar erbat ijiem wara li seħħ l-inċident. Żied jgħid li minn dak li seta' jikkonstata hu, il-konvenuta kienet qiegħda tipprova tissorpassa u għal xi raġuni ma reġgħetx daħlet lura fil-karreġġjata tagħha. Qal li meta wasal hu fuq il-post fejn seħħ l-inċident, is-sewwieqa kienu għadhom maqbudin fil-vetturi rispettivi tagħhom, u l-konvenuta kienet f'qagħda li tagħti l-verżjoni tagħha dakinhar stess.

Fl-istess udjenza xehed il-**PS 1184, Patrick Grech**[17], li wkoll kien intalab imur fuq il-post tal-inċident fl-Imġarr, li qal li kien ġibed sensiela ritratti fuq is-sit.
Xehdet ukoll **WPS 24, Rodianne Grixti**[18], li wkoll issejħet biex tmur fuq il-post tal-inċident, li qalet li xogħolha kien li tiddirezzjona t-traffiku li kien inġabar fl-

[15] *A fol.* 165 tal-proċess.
[16] *A fol.* 170 tal-proċess.
[17] A fol. 183 tal-proċess.
[18] A fol. 185 tal-proċess.

inħawi konsegwenza ta' dak li ġara. Ix-xhud ikkonfermat li ż-żewġ persuni involuti fl-inċident ittieħdu l-Isptar bl-ambulanza.

Xhud ieħor li ta d-depożizzjoni tiegħu fl-istess udjenza kien **PC 1511 Kevin Tabone**[19], li qal li l-għassa fejn kien stazzjonat irċeviet telefonata dwar dan l-inċident tat-30 ta' Ottubru, 2014 għall-ħabta tal-erbgħa neqsin kwart. Dan ix-xhud qal li hekk kif il-Pulizija waslet fuq il-post sabet konfużjoni sħiħa b'ħafna nies miġbura fit-triq. Dan ix-xhud qal ukoll li sakemm waslet il-Pulizija fuq il-post, is-sewwieqa tal-vetturi kienu għadhom maqbudin fil-vetturi rispettivi tagħhom u ma kinux għadhom ittieħdu l-Isptar.

Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2016 reġa' xehed **PS 1184 Patrick Grech**[20], li ppreżenta CD b'sitta u tletin ritratt li ttieħdu għall-iskopijiet tal-inkjesta li nżammet b'rabta mal-imsemmi inċident.

Fl-istess udjenza xehed il-**P.L. Mario Buttigieg**[21], li qal li kien ġie inkarigat mill-Maġistrat inkwirenti sabiex iħejji rapport dwar dan l-inċident. Ix-xhud qal li ż-żewġ partijiet kienu weġġgħu gravi f'dan l-inċident, u sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tiegħu hu kien kellem lix-xhieda u għamel rikostruzzjoni tal-inċident. Ix-xhud qal li l-inċident seħħ fil-parti tal-lemin tat-triq, meta wieħed iħares lejn l-Imġarr, mid-direzzjoni li kienet ġejja minnha l-attriċi. Żied jgħid li meta hu wasal fuq il-post tal-inċident sab li l-vettura misjuqa mill-attriċi kienet spiċċat in-naħa tal-lemin tal-bankina, filwaqt li anki l-vettura misjuqa mill-konvenuta spiċċat tħares lejn il-lemin f'nofs il-karreġġjata. Ix-xhud ikkonstata li l-impatt seħħ fil-parti tal-lemin tat-triq u mad-daqqa, l-attriċi spiċċat kważi fil-

[19] *A fol.* 188 tal-proċess.
[20] *A fol.* 195 tal-proċess.
[21] *A fol.* 197 tal-proċess.

karreġġjata minn fejn kienet għaddejja l-konvenuta. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu kien wasal għall-konklużjoni li l-konvenuta jew ħassha ħażin jew inkella tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha għal xi raġuni, u li din ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tinvadi l-karreġġjata li kienet għaddejja minnha l-attriċi. Żied jgħid li meta hu tkellem mal-konvenuta, din qaltlu li fiż-żmien meta seħħ l-inċident hi kienet qiegħda tirċievi t-terapija u kienet bid-dieta, tant li l-inċident seħħ waqt li din kienet sejra għand in-*nutritionist* tagħha. Dan ix-xhud irriżultalu li wieħed mill-persuni li kienu fuq is-sit tal-inċident, kien staqsa lill-konvenuta jekk din kinitx qiegħda titkellem fuq il-*mobile* minħabba li raha b'rasha baxxuta. Żied jgħid li meta hu kellem lill-konvenuta din ma setgħetx tiftakar kif seħħ l-inċident, u kulma ftakret kien biss it-tifrik tal-ħġieġ. Żied jgħid li fuq is-sit kien hemm 9.1 metri marki tal-brejkjiet tal-vettura tal-attriċi, filwaqt li fin-naħa tal-konvenuta ma kien hemm l-ebda marki tal-brejkijiet. Qal ukoll li l-grif li kien hemm fuq il-vettura tal-konvenuta seħħ wara l-impatt minħabba li l-grif beda min-naħa tal-lemin u baqa' sejjer għal taħt il-vettura sa nofs il-karreġġjata. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-relazzjoni tiegħu li kienet tifforma parti mill-inkjesta maġisterjali.[22] Fil-parti konklussiva ta' dan ir-rapport, ix-xhud qal:

> "Illi hija l-opinjoni umli tal-esponent illi dan jidher li kien inċident sfortunat illi ġab konsegwenzi gravi. Illi għal xi raġuni mhux magħrufa jidher illi Agius fil-mument qabel l-allegat inċident tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha u baqgħet sejra fuq il-karreġġjata l-oħra fejn ħabtet mal-vettura ta' Ellul li kienet fi triqtha. Illi mill-evidenza jidher ċar illi Agius anqas biss ippruvat tikkontrolla l-vettura fil-mument illi din ma baqgħetx miexja dritta u dan jagħti x'jifhem illi hija ma kinitx konxja fil-

[22] *A fol.* 211 tal-proċess. F'punt minnhom fir-relazzjoni tiegħu, dan ix-xhud qal hekk (*a fol.* 224): "illi jidher b'mod ċar li għal xi raġuni Agius ġralha xi ħaġa fejn hi ma baqgħetx fil-kontroll tal-vettura tagħha bil-konsegwenza li baqgħet sejra fuq il-karreġġjata l-oħra u ħabtet fil-vettura ta' Ellul. Illi waqt ix-xhieda li ta x-xhud okulari Camilleri, huwa stqarr illi quddiem Agius ma kien hemm ħadd u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn tagħmel manuvra ta' *overtaking* u taqbeż il-karreġġjata. ... Illi l-għada li seħħet il-kolliżjoni l-esponent mar ġewwa l-garaxx tal-Pulizija ta' Saint Andrews fejn eżamina l-vettura Toyota. Illi waqt l-eżami jirriżulta illi kienet qed taħdem sew u ma kien hemm l-ebda malfunzjoni kemm fis-sistema tal-brejkijiet u kemm fl-istering. Irriżulta li l-*hydraulic oil* kien mimli hekk kif rikjest bil-liġi u s-sengħa."

mument ta' qabel l-impatt. Dan huwa wkoll sostnut mix-xhieda kemm tal-vittma, Ellul xehdet illi l-vettura baqgħet ġejja fuqha mingħajr ebda sforz biex tieqaf, u Camilleri li kien qiegħed isuq eżatt wara Ellul illi xehed illi Agius fl-ebda mument ma kellha għalfejn tagħmel manuvra ta' *overtaking* u taqsam il-karreġġjata minħabba li t-triq kienet vojta mingħajr ebda ostakoli. Minħabba dawn il-fatturi l-esponent huwa umilment tal-opinjoni illi fuq l-evidenza miġbura l-fatturi tan-negliġenza u traskuraġni *prima facie* jidhru neqsin min-naħa ta' Alexandra Agius f'dan l-allegat inċident."

Fl-udjenza tat-8 ta' Frar, 2017 xehed **Dr Mario Scerri**[23], li spjega x'tip ta' frattura kellha l-attriċi, fil-parti magħrufa bħala s-*second cervical vertebra,* jew it-tieni rukkell tal-għonq. Żied jgħid li din timmanifesta ruħha bħala riżultat ta' *acceleration, deceleration injury* jew *whiplash injury.* Qal li kieku ntmess il-kanal tal-għonq, il-konsegwenzi kienu jkunu ferm agħar għall-attriċi. Żied jgħid li l-*injuries* li kellha l-konvenuta kienu kompatibbli mal-*blunt trauma* li sofriet hekk kif seħħ l-impatt. Ix-xhud qal li hu ma daħalx fi kwistjonijiet bħalma huma l-istorja medika tal-persuni involuti fl-inċident, u r-riżultanzi tiegħu huma bbażati biss fuq dak li seħħ waqt l-inċident inkwistjoni. Ix-xhud qal li fl-ebda waqt tal-investigazzjoni tiegħu ma kellu xi indikazzjoni li xi ħadd mill-partijiet seta' kien taħt kura medika.[24]

Il-konvenuta ppreżentat *affidavit* imħejji minn **Dr Agnes Portelli**, tabiba fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei[25], li qalet li meta l-konvenuta ddaħħlet l-Isptar, din kienet qiegħda tbati minn ksur fl-għadam tal-kaxxa tas-sider, f'erba' kustilji fuq il-lemin u fi tliet kustilji fuq ix-xellug, filwaqt li kellha kontużjonijiet żgħar fil-pulmun tal-lemin.

[23] *A fol.* 210 tal-proċess.
[24] Kopja tar-rapport wara l-eżami medikolegali li sar fuq il-partijiet *a fol.* 218 tal-proċess.
[25] *A fol.* 247 tal-proċess.

Fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2017 xehed il-**Perit Richard Aquilina**[26], li kien ħejja relazzjoni bħala parti mill-inkjesta maġisterjali, li qal li meta mar fuq is-sit sabiex jagħmel pjanta tal-post fejn seħħ l-inċident, kien ikkonstata li hemm kurva fit-triq, li tfisser li hemm ħotba fl-art. Ix-xhud qal li fir-rapport tiegħu wera l-fehma li in vista tal-fatt li t-triq għandha kurva orizzontali fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra hemm kurva orizzontali u vertikali, il-viżwali hija ristretta. Żied jgħid li l-partijiet tal-lemin tal-vetturi ħabtu ma' xulxin b'mod laterali. Qal ukoll li minn dak li kkonstata meta mar fuq il-post li kien hemm marki tal-brejkijiet tul ta' madwar disa' metri, liema marki kienu jispiċċaw bejn iż-żewġ vetturi.[27]

Fl-istess udjenza xehdet **Dr Agnes Portelli**[28], li qalet li bħala rutina meta persuna tiddaħħal l-Isptar wara inċident isirulha t-testijiet tad-demm. Qalet li f'dan il-każ ir-riżultati tat-testijiet tad-demm li saru lill-konvenuta ma kinux indikattivi ta' xi problema li ħtiġilha tingħata attenzjoni partikolari. Ix-xhud qalet li anki jekk kien il-każ li l-konvenuta ħassha ħażin, aktarx jiġri li mit-testijiet tad-demm li jsiru ma jiġix stabbilit x'kienet il-kawża tal-ħass ħażin.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Dr Michael Spiteri**[29], li qal li kien hu li eżamina lill-attriċi hekk kif daħlet l-Isptar, fejn ġie stabbilit li din kellha ksur serju f'għonqha. Qal li dan it-tip ta' ksur hu wieħed instabbli, u kien b'xorti tajba li l-attriċi ma kellhiex konsegwenzi ħafna aktar serji riżultat ta' dan l-inċident, u x-xhud qal li kieku ċċaqlaq l-għadam fuq nett tal-għonq tal-attriċi, din setgħet titlef ħajjitha jew tispiċċa paralizzata.

---

[26] *A fol.* 254 tal-proċess.
[27] Ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li tħejja għall-finijiet tal-inkjesta maġisterjali *a fol.* 261 *et seq.* tal-proċess.
[28] *A fol.* 267 tal-proċess.
[29] *A fol.* 270 tal-proċess.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017 xehed **Dr Joseph Gauci**[30], li qal li hu l-kap tal-iskola San Anton, fejn l-attriċi taħdem bħala għalliema tat-tfal li jkunu *Grade 7*. Żied jgħid li l-attriċi ilha hekk impjegata f'din l-iskola għal ħamsa u għoxrin sena. Ix-xhud qal li wara l-inċident l-attriċi rritornat lura x-xogħol fid-9 ta' Marzu, 2015, u f'dan iż-żmien l-iskola kienet impjegat *substitute teacher* li damet tassisti lill-attriċi fil-klassi sat-13 ta' April, 2015. Qal li kien hemm diversi istanzi fejn l-attriċi ma felħitx għal ġurnata xogħol jew fejn din ħtiġilha tattendi għal sessjonijiet ta' fiżjoterapija fl-Isptar u minħabba f'hekk ma setgħetx tirrapporta għax-xogħol. Ix-xhud qal li t-tielet *term* tas-sena skolastika beda fit-13 ta' April, 2015 u minn dakinhar l-attriċi reġgħet bdiet taħdem b'mod normali, għalkemm ma baqgħetx tagħmel is-*supervision duties* li kienet tagħmel qabel. Ix-xhud qal li hu kien kiseb awtorizzazzjoni sabiex l-attriċi tibqa' titħallas is-salarju kollu tagħha f'dan iż-żmien, u l-uniku introjtu li hi tilfet kien dak marbut mas-*supervision duties* li wara l-inċident ma baqgħux isiru mill-attriċi. Ix-xhud qal li minkejja li l-attriċi ma sofriet minn ebda tnaqqis fid-dħul tagħha konsegwenza ta' dan l-inċident, fil-verità l-iskola kellha timpjega terza persuna sabiex tkopriha tul il-perijodu kollu li fih l-attriċi ma setgħetx tmur lura x-xogħol, deċiżjoni li x-xhud qal ma kinitx waħda li ttieħdet b'kapriċċ jew b'mod leġġer iżda għaliex l-attriċi verament ma kinitx f'kundizzjoni ta' saħħa li kienet tippermettilha tidħol lura x-xogħol.

Fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017 xehed **Tarcisio Mercieca**[31], li qal li jaħdem bħala *surveyor* indipendenti, kif ukoll jippresta servizzi lil xi kumpanniji tal-assigurazzjoni, fosthom lil Gasan Mamo Insurance. Ix-xhud qal li kien għamel *survey report* fir-rigward tal-vettura li kienet qiegħda tinstaq mill-attriċi, u hu

[30] *A fol.* 278 tal-proċess.
[31] *A fol.* 304 tal-proċess.

kien stabbilixxa li din kienet *total loss* minħabba fl-ammont ta' *parts* li kienu meħtieġa għat-tiswija tagħha, kif ukoll l-ispejjeż marbuta max-xogħol manwali li ried isir fuqha u l-*ispray.*

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2017 xehed **Mr Massimo Abela**[32], *consultant orthopaedic surgeon* fl-Isptar Mater Dei li qal li minkejja li l-attriċi ma kinitx pazjenta tiegħu, hu kien invistaha sabiex seta' jsir rapport mediku b'rabta mad-diżabilità permanenti sofferta minnha. Fi kliem ix-xhud:

> "Meta eżaminajtha jien kienet għadha qed tilmenta b'uġigħ f'għonqha li jinżlilha għal bejn il-ġwienaħ u daharha. Meta eżaminajtha kellha l-marki tal-*pintracts* fuq il-parti ta' quddiem ta' rasha fuq l-għajnejn u kellha *limitation* fil-moviment fl-għonq ta' qisu sittin fil-mija tan-normal speċjalment meta ddawwar rasha lejn naħa u oħra u meta tiġbed rasha lura. Kont rajt l-investigazzjonijiet li kien hemm biex nara li kollox kien skont li qaltli u rajt il-file tagħha Mater Dei ukoll u ħriġt opinjoni primarjament minħabba l-limitazzjoni ta' moviment li kellha f'għonqha tajtha *permanent disability* ta' 6%."

Ix-xhud qal li hu stabbilixxa li l-uġigħ li għadha tilmenta minnu l-attriċi hu riżultat tal-korriment li kellha u mhux konsegwenza ta' xi trattament li ħadet, u dan l-uġigħ m'hemmx fejqan għalkemm dan jista' jiġi kkontrollat b'terapiji varji.

Fl-istess udjenza reġa' xehed **Dr Joseph Gauci**[33], li ppreżenta kopji tal-*FS3 forms* tal-attriċi għas-snin 2013, 2014, 2015 u 2016[34], flimkien ma' kopji taċ-ċertifikati mediċi tal-attriċi għax-xhur kollha li fihom hija ma setgħetx tmur ix-xogħol. Ix-xhud qal illi konsegwenza ta' dan l-inċident, l-attriċi tilfet l-ammont

[32] *A fol.* 307 tal-proċess.
[33] *A fol.* 315 tal-proċess.
[34] *A fol.* 319 tal-proċess.

ta' elf, u ħamsa u tletin Euro (€1,035) minħabba s-*supervision duties* li ma setgħetx tagħmel.

Fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2017 reġa' xehed il-**P.L. Mario Buttigieg**[35], li ġie mistoqsi dwar il-kurvaturi li hemm fit-triq fejn seħħ l-inċident. Ix-xhud qal li hu wasal għall-konklużjonijiet tiegħu wara li ħa x-xhieda ta' Mark Anthony Camilleri li ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh, li qal li l-konvenuta ma ppruvatx tegħleb xi vettura oħra li setgħet kienet quddiemha, iżda li flok baqgħet iddur mal-karreġġjata, din baqgħet sejra dritt għal fuq il-karreġġjata l-oħra. Minn dan kollu l-P.L. Buttigieg ddeduċa li l-konvenuta setgħet kienet fuq il-*mobile.*

Fl-udjenza tas-16 ta' Frar, 2018 xehed **Mark Anthony Camilleri**[36], li fl-*affidavit* tiegħu kien qal li minn dak li seta' jara hu, il-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'rasha baxxuta. Qal li meta seħħ l-inċident u hu ħareġ mill-vettura tiegħu sabiex jara x'kien ġara, il-konvenuta kienet qaltlu li f'dak il-ħin kien waqgħalha l-*mobile.* Fi kliem ix-xhud:

> "Id-*diversion* li għamlet fis-sewqan tagħha tagħti l-impressjoni li kienet fuq il-*mobile* għaliex it-triq ġejja hekk u hi qatgħet dritt. Jiena li rajt il-karozza ġejja dritt għal fuqi."

Ix-xhud spjega li l-vettura tal-konvenuta flok imxiet mad-direzzjoni tat-triq baqgħet ġejja dritt u ma tatx l-impressjoni li qiegħda tnaqqas mill-veloċità jew li tilfet il-kontroll u konsegwenza ta' hekk tnaqqas il-veloċità. Baqgħet għaddejja kif kienet, f'linja dritta, bir-riżultat li seħħ l-inċident.

[35] *A fol.* 346 tal-proċess.
[36] *A fol.* 353A tal-proċess.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur **Paul Ellul**[37]*,* li qal li meta wasal fuq il-post tal-inċident, ix-xufiera taż-żewġ vetturi kienu diġà ttieħdu l-Isptar bl-ambulanza, u dak il-ħin iddeċieda li jmur l-Isptar wara l-mara tiegħu flok jibqa' għassa mal-vettura. L-attur qal li minn dak li ra fuq il-post, il-vettura tal-konvenuta kienet qiegħda b'mod li tinvadi l-karreġġjata li kienet għaddejja minnha l-mara tiegħu. Ix-xhud qal li l-vettura li kienet qiegħda ssuq il-mara tiegħu kienet inxtrat ġdida fjamanta, u l-valur tagħha kif stmat mis-soċjetà tal-assikurazzjoni kien ta' madwar elf u sitt mitt Euro (€1,600), liema prezz tħallas lilu mis-soċjetà tal-assigurazzjoni wara l-inċident. Żied jgħid li wara l-inċident, il-vettura li kienet misjuqa mill-mara tiegħu ttieħdet fil-*compound* tal-Pulizija f'Saint Andrews u kienu tħejjew id-dokumenti relattivi sabiex din setgħet tiġi skrappjata. Ix-xhud qal li hu għamel żmien ma jirrappurtax għax-xogħol, u minħabba li s-sena kienet qiegħda toqrob lejn tmiemha, ma tantx kien fadallu sigħat ta' *leave* u għalhekk kien hemm xi kollegi tiegħu li offrewlu *leave* minn tagħhom, filwaqt li kellu jieħu numru ta' ġranet ta' *unpaid leave.* L-attur ikkonferma li meta skrappja l-vettura hu ma rċieva l-ebda ħlas tagħha.

Fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju, 2018 sar il-kontroeżami tal-attriċi **Maria Stella sive Maris Ellul**[38], li filwaqt li ġiet murija d-dokument f'*fol.* 115 tal-proċess tat il-verżjoni tagħha tal-mod kif seħħ l-inċident. L-attriċi kkonfermat li l-vettura misjuqa mill-konvenuta daħlet dritt għal fuqha u ma ppruvat tiskapulaha bl-ebda mod, tant li lanqas il-brejkijiet ma rriżulta li ġew magħfusa. Qalet li minkejja li rat il-vettura qiegħda tinstaq għal fuqha, lill-konvenuta ma rathiex fil-vettura tagħha, u wara li seħħ l-inċident ma tafx f'liema kundizzjoni kienet

[37] *A fol.* 357 tal-proċess.
[38] *A fol.* 365 tal-proċess.

il-konvenuta minħabba li dak il-ħin moħħha kien f'dak li kien ser isir minnha. L-attriċi qalet li l-konvenuta kienet għaddejja b'ċerta veloċità u din baqgħet issuq bl-istess veloċità mingħajr ma naqqsitha. L-attriċi qalet li minkejja li fil-post fejn seħħ l-impatt hi kienet fil-parti dritta tat-triq, il-konvenuta kienet ġejja minn liwja, meta għal xi raġuni qasmet għal fuq il-karreġġjata tal-attriċi.

Il-konvenuta fl-*affidavit* tagħha[39] qalet li dakinhar li seħħ l-inċident, hi kienet fi triqitha lejn l-Imġarr. Qalet li hi ma kellha l-ebda ħtija għal dak li ġara, u kien iddispjaċiha ħafna għal dak li ġara, speċjalment meta saret taf li l-attriċi weġġgħet serjament. Qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hi kienet telqet mill-Isptar fejn taħdem, fi triqitha għal għand in-*nutritionist* tagħha li qiegħda l-Imġarr, għalkemm żiedet tgħid li ma tiftakarx kif seħħ l-inċident. Hi qalet li bilfors li kellha *black-out* jew ħass ħażin waqt li kienet qiegħda ssuq, u lanqas biss tiftakar f'liema parti tat-triq seħħ l-inċident. Żiedet tgħid li l-unika memorja li għandha ta' dak li ġara hu l-ħoss qawwi li semgħet u n-nies iduru mal-vettura tagħha. Qalet li hi konxja mill-gravità tal-inċident, kemm minħabba li s-sewwieqa tal-vettura l-oħra weġġgħet serjament, kif ukoll minħabba li hi kellha ksur fil-polz, kustilji miksurin, l-*isternum* fratturat u tbenġil fil-parti ta' ġewwa tal-pulmun. Il-konvenuta ċaħdet li hi kienet fuq il-*mobile* meta seħħ l-inċident u qalet li dan ma setax ikun minħabba li dak il-ħin hi kienet għadha liebsa l-uniformi ta' infermiera u l-*mobile* kien fil-but tat-*tunic* tal-Isptar. Żiedet tgħid li minkejja li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hija kienet ilha tieħu kura għal madwar tmien xhur, hi qatt ma kellha għalfejn taħseb li minħabba l-mediċina li kienet tieħu ma kinitx f'qagħda li ssuq, u lanqas ħadd mit-tobba kuranti tagħha ma qalulha tieqaf issuq minħabba fit-*treament* li kienet qed tieħu. Il-konvenuta qalet ukoll li hi ma ssuqx b'veloċità

---

[39] *A fol*. 381 tal-proċess.

qawwija u hi kawta ħafna fis-sewqan. Qalet ukoll li ftit qabel l-inċident hi kienet tieħu sessjonijiet ta' kimoterapija għall-kanċer tas-sider, u f'dak iż-żmien hi kienet għadha kemm irritornat lura x-xogħol, u kienet ferħana li ħajjitha kienet ġejja lura għan-normal. Ix-xhud spjegat li fiż-żmien li fih seħħ l-inċident hi kienet tieħu l-mediċina Tamoxifen[40] li ma kelliex *side-effects* partikolari fuq saħħitha, ħlief għall-fatt li kienet żiedet fil-piż u kien għalhekk li kienet sejra għal appuntament għand in-*nutritionist* tagħha. Il-konvenuta kkonkludiet billi qalet li mil-lat uman hi jiddispjaċiha ħafna għal dak li sofriet l-attriċi, għalkemm qalet li hi ma tħossx li għandha tinstab responsabbli għad-danni minħabba li ma kienx hemm xi nuqqas jew xi traskuraġni min-naħa tagħha għar-rigward ta' dak li ġara.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-evidenza ppreżentata waqt din il-kawża sabiex tiddetermina jekk da parti tal-konvenuta hemmx responsabbilità x'tinġarr għad-danni sofferti mill-atturi. Jirriżulta mill-provi li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ f'ħin meta l-attriċi Maris Ellul kienet qiegħda tirritorna lejn darha wara li spiċċat mill-ġurnata tax-xogħol tagħha fl-iskola San Anton, iż-Żebbiegħ fejn taħdem, filwaqt li l-konvenuta kienet fi triqitha għal għand *nutritionist* tagħha l-Imġarr, li kienet qiegħda ssegwiha minħabba d-dieta li kienet qiegħda tagħmel wara li ħadet trattament għall-kanċer li wassalha biex żiedet fil-piż. Għal xi raġuni l-konvenuta tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha tant li mingħajr ma ppruvat iżżomm *brake*, tnaqqas il-veloċità, jew b'xi mod tipprova tieħu kontroll lura tal-vettura tagħha, din baqgħet

[40] Dokumentazzjoni b'informazzjoni dwar din il-mediċina tinsab *a fol.* 382 tal-proċess.

dieħla *head-on* fil-vettura misjuqa mill-attriċi u konsegwenza ta' dan, iż-żewġ partijiet spiċċaw bi ġrieħi serji tant li għal xi ħin l-attriċi kienet saħansitra fil-periklu li titlef ħajjitha, filwaqt li l-vetturi tal-partijiet kellhom jiġu skrappjati. L-attriċi żammet *brake* fit-tul, tant li mill-marki fl-art jirriżulta li nżamm *brake* tul ta' disgħa punt wieħed metri, filwaqt li ma rriżultaw l-ebda marki simili ta' *brake* da parti tal-konvenuta, li baqgħet dieħla dritt fl-vettura tal-attriċi kif ikkonstataw anki xhieda li raw l-inċident iseħħ. Il-konvenuta qalet li hi bilfors li kellha xi tip ta' *black-out* jew li ħassha ħażin għal xi ħin, u hi dejjem issuq bil-galbu anki minħabba li hija infermiera fit-Taqsima ta-Emerġenza tal-Isptar u għalhekk hija sensittiva xi ftit aktar minn ħaddieħor għal sitwazzjonijiet bħal dawn u għal dak li jista' jwassal għalihom. L-espert maħtur mill-Maġistrat inkwerenti, il-P.L. Mario Buttigieg wasal għall-konklużjoni li l-fatt li l-konvenuta bl-ebda mod ma ppruvat tikkontrolla l-vettura tagħha u baqgħet dieħla dritt fl-attriċi, jfisser li din ma kinitx konxja meta seħħ l-impatt, u għalhekk sostna li dan l-inċident seħħ bi sfortuna u mhux għax kien hemm xi forma ta' negliġenza da parti tal-konvenuta fis-sewqan. Din it-teżi tal-P.L. Buttigieg jidher li kienet kontradetta mill-konvenuta nnifisha, tant li l-verżjoni li hija tat lil Mark Anthony Camilleri, ix-xhud li ra l-inċident iseħħ quddiem għajnejh u li niżel jagħti l-ewwel għajnuna lill-partijiet, kienet li semgħet ħoss fil-vettura tagħha u għal xi raġuni tilfet il-kontroll tal-vettura. F'xi ħin il-konvenuta qalet ukoll li kien waqgħalha l-*mobile.* Jirriżulta wkoll li minkejja li saru testijiet mediċi u ttieħdu kampjuni tad-demm tal-konvenuta, dawn ma taw l-ebda indizji dwar jekk ftit tal-minuti qabel kienx ħassha ħażin kif allegat jew le. Fil-fatt ma tirriżulta l-ebda prova oġġettiva, għajr għal dak li qalet il-konvenuta, li l-inċident seħħ meta hi tilfet il-kontroll tal-vettura tagħha għaliex ħassha ħażin. Il-Qorti kkonsidrat dak li qal il-P.L. Buttigieg li meta persuna tintilef

minn sensiha, aktarx li din tagħfas il-pedala tal-gass u taċċellera fil-veloċità, iżda anki hawn jidher li m'hawnx konsistenza minħabba li kemm l-attriċi kif ukoll ix-xhud Mark Anthony Camilleri it-tnejn qalu li l-konvenuta la naqqset u lanqas żiedet fil-veloċità, iżda baqgħet għaddejja bl-istess veloċità li kienet għaddejja biha t-tul tat-triq kollha, u għalhekk dak li qal il-P.L. Mario Buttigieg li meta persuna tintilef minn sensiha, din awtomatikament tagħfas il-pedala tal-gass, mhuwiex ikorraborat mix-xhieda okulari, li qalu li l-konvenuta la naqqset u lanqas żiedet fil-veloċità, sempliċiment baqgħet għaddejja kif kienet, mingħajr ebda tentattiv biex tieqaf.

Filwaqt li l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet f'din il-kawża huma mibnija fuq l-istess ġabra ta' fatti, madanakollu l-verżjonijiet ta' x'kien li wassal għall-aġir tal-konvenuta jvarjaw sostanzjalment, bl-attriċi tisħaq li kien hemm element ta' traskuraġni u negliġenza fis-sewqan da parti tal-konvenuta, u bil-konvenuta tgħid li hi ma kellha l-ebda ħtija f'dak li ġara minħabba li l-inċident seħħ għal raġunijiet li hi ma kellha ebda kontroll fuqhom. Minkejja d-diverġenzi fil-verżjonijiet li ngħataw mill-partijiet, il-Qorti għandha l-obbligu li tasal għal deċiżjoni abbażi tal-konvinċiment morali tagħha dwar min mill-partijiet x'aktarx li qiegħda jgħid is-sewwa. Minkejja li l-eżitu tal-inkjesta maġisterjali kien li l-ebda proċeduri kriminali m'għandhom jittieħdu fil-konfront tal-konvenuta, u dan għaliex kellha skużanti, il-grad tal-prova fil-kamp kriminali huwa differenti minn dak fil-kamp ċivili, u l-fatt li persuna tinħeles mir-responsabbilità kriminali ma jfissirx li għandha bl-istess mod tinħeles mir-responsabbilità ċivili li jista' jkun li jkollha ġġorr jekk ir-rekwiżiti stipulati mil-

liġi u mill-ġurisprudenza f'dan ir-rigward, jirriżultaw li ġew sodisfatti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Bartolo et *vs.* George Zammit**[41], intqal:

> "Hu intuwittiv li biex difiża ta' ħass ħażin repentin tista' tiskontra suċċess, jinħtieġ li l-imputat li jallegaha jġib prova konfermatorja tali li almenu tixħet dubbju raġonevoli dwar l-assunt tal-prosekuzzjoni tar-responsabbilità kolpuża tiegħu. Wieħed jista' jifhem li, f'każijiet simili, għandhom jirrikorru xi ċirkostanzi preċedenti u/jew konkomitanti u/jew sussegwenti li jagħtu ċerta konsistenza lill-allegazzjoni.
>
> Il-Qorti ma tistax issemmi liema jistgħu jkunu in ispeċje dawn iċ-ċirkostanzi għaliex il-varjetà tagħhom hi pressokkè infinita, imma ċertament xi marda pre-eżistenti li tista' tipproduċi telf improvviż tal-koxjenza, hi waħda minnhom, bħal ma jista' jkun waħda minnhom xi disturb emottiv intens, jew talvolta xi stankezza straordinarja prolungata oltre l-limiti salv kwestjonijiet oħra (Pul. vs A. Portelli, 09.02.1962, Appell Kriminali)."

F'deċiżjoni oħra fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Neville John Psaila**[42] intqal:

> "Ma hemmx dubju li l-fatt li d-*driver* tilef il-kontroll tal-karozza u jispiċċa fuq in-naħa ħażina tat-triq minnu nnifsu hija prova indizjarja jew '*circumstantial evidence'* li toħloq '*presumption of fact*' ta' sewqan ħażin, għax *driver* suppost li jkollu l-vettura tiegħu dejjem taħt kontroll.
>
> ...
>
> Iżda meta sewwieq ta' karozza jitlef il-kontroll tagħha u jaħbat ma' traffiku li jkun ġej mid-direzzjoni l-oħra jkun ġeneralment ifisser li jkun qed isuq ħażin b'mod li "jinkwadra ruħu fil-kuntest tas-sewqan perikoluż."

F'deċiżjoni oħra tal-Qrati tagħna fl-ismijiet **Pulizija *vs.* Anthony Spiteri**[43] intqal illi:

> "Driver ta' karozza għandu innegabbilment, fost oħrajn, żewġ doveri: wieħed, dak li jżomm *a proper lookout* għall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* oħra; l-ieħor, dak

[41] P.A., 30.04.2001
[42] Appell Kriminali, 20.03.2003.
[43] App. Krim. 21.05.1960.

> illi waqt is-sewqan hu jkun f'pożizzjoni tali li jkollu f'kull ħin kontroll sewwa tal-vejikolu. Il-Qorti osservat "ma għandux jintesa illi l-aċċidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontinġenzi tat-traffiku jistgħu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu ċertament sewqan negliġenti; u ma jistax biex jeskludih il-fatt illi t-triq kienet wiesgħa u illi traffiku ieħor ma kienx hemm fit-triq, u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-mument ... għal sewqan negliġenti ma hemmx bżonn tal-vjolazzjoni ta' normi ġuridiċi speċifiċi, imma biżżejjed li jkun hemm negliġenza, fis-sens *ta' nuqqas ta'* 'prudenza ordinarja' li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali."

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, partikolarment dak li xehdet il-konvenuta dwar l-istat ta' saħħitha u l-fatt li ftit qabel seħħ dan l-inċident hi kienet għadha kif temmet il-kura għal marda li ħakmitha. Jirriżulta wkoll li dakinhar li seħħ l-inċident il-konvenuta kienet qiegħda tieħu mediċina partikolari, li iżda mhux suppost li kellha taffettwaha waqt is-sewqan. Lanqas ma jirriżulta li xi ħadd mit-tobba kuranti tal-konvenuta qalilha biex toqgħod attenta jew tevita li ssuq minħabba li tista' tintilef minn sensiha jew tesperjenza *black-outs.* Jirriżulta wkoll li l-konvenuta kienet qiegħda ssegwi xi tip ta' dieta, tant li fil-ħin meta seħħ l-inċident, il-konvenuta kienet fi triqitha għal għand in-*nutritionist* tagħha. Il-Qorti għad illi mhix f'qagħda li tgħid b'ċertezza x'kien li wassal għall-inċident inkwistjoni, però mill-provi prodotti, jirriżulta li l-konvenuta tilfet kontroll tal-vettura tagħha, bil-konsegwenzi tal-inċident jkunu tant serji li l-attriċi kienet fil-periklu li titlef ħajjitha u ż-żewġ vetturi involuti fil-ħabta kellhom jiġu skrappjati, u fuq bażi ta' probabbilitajiet ma tistax ma tikkonkludix li l-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'mod negliġenti u perikoluż, tant li fl-ebda mument ma ppruvat tevita jew b'xi mod tikkontrolla l-vettura tagħha. Il-Qorti tqis li mhijiex ikkorroborata b'xhieda indipendenti t-teżi tal-konvenuta li kien ħassha ħażin waqt is-sewqan, u b'hekk ma tafx kif spiċċat daħlet fil-vettura tal-attriċi, tant hu hekk fil-verżjoni li tat ftit tal-ħin wara li seħħ l-inċident, din qalet li semgħet ħoss fil-karozza

tagħha, u mhux li ħassha ħażin. Skont ix-xhud okkulari Mark Anthony Camilleri, il-konvenuta kienet qiegħda ssuq b'rasha baxxuta, u wara li seħħ l-inċident l-konvenuta kienet qaltlu li f'dak il-ħin kien waqalha l-*mobile.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenuta għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi u għandha tagħmel tajjeb għall-imsemmija danni, peress li jirriżulta ppruvat sal-grad probatorju rikjest mil-liġi li hija kienet negliġenti u traskurata fis-sewqan tagħha.

Hekk stabbilita l-kwistjoni dwar min għandu jġorr responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża, il-Qorti trid tgħaddi għalhekk biex jiġu likwidati d-danni sofferti mill-atturi.

*Damnum Emergens:*

(i) *Gasan Mamo Insurance Limited*

Mill-provi prodotti mis-soċjetà attriċi jirriżulta li din sofriet danni fl-ammont ta' elf, seba' mija u disgħa u sittin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,769.36), konsistenti f'*survey fee* ta' €27.49[44], *cash settlement* lil Paul Ellul għall-vettura li ġiet skrappjata fis-somma ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600)[45], *towing fees* fis-somma ta' ħamsa u sittin Euro (€65)[46], ħlas għall-kopja tal-inkjesta maġisterjali fis-somma ta' disgħa u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88)[47], u ħlas għall-kopja tar-rapport tal-Pulizija fl-ammont ta' sitt Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€6.99).[48]

[44] *A fol.* 138 tal-proċess.
[45] *A fol.* 139 tal-proċess.
[46] *A fol.* 42 tal-proċess.
[47] *A fol.* 144 tal-proċess.
[48] *A fol.* 145 tal-proċess.

(ii) *Paul Ellul*

L-attur Paul Ellul, ibbaża l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas tad-danni materjali sofferti minnu fuq il-fatt li kellu jixtri vettura ġdida minflok il-vettura li ġiet skrappjata, kif ukoll li kien hemm ġranet ta' *unpaid leave* li jirriżulta li hu kellu jieħu sabiex seta' jassisti lil martu li fil-ġimgħat ta' wara l-inċident kellha bżonn ħafna għajnuna. Jirriżulta, illi l-ammont ta' flus li tilef l-attur minħabba l-ġranet ta' *unpaid leave* li kellu jieħu, jammontaw għal tliet mija u erbgħa u ħamsin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€354.47). In vista tal-fatt li l-vettura ġdida mixtrija ser tibqa' għall-użu tal-attur Paul Ellul u martu, minkejja li fissret spiża mhux mixtieqa għalihom, l-ispiża marbuta max-xiri tagħha m'għandiex titqies bħala parti mid-danni sofferti minnhom, u għalhekk mhux qiegħed jittieħed konjizzjoni tagħha.

(ii) *Maris Ellul*

L-attriċi esebiet diversi irċevuti marbuta max-xiri jew kiri ta' apparat li kienet teħtieġ għall-mobilità tagħha in segwitu għall-inċident inkwistjoni, liema spiża tammonta għal ħames mija u wieħed u sebgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€571.46).[49] Sar ukoll ħlas ta' mitejn u tmintax-il Euro u tmenin ċenteżmu (€218.80) għal visti privati għand il-konsulent Mr Joe Borg[50], kif ukoll tħallas l-ammont ta' erba' mija u għaxar Euro (€410) għal visti privati għand il-konsulent Mr Massimo Abela.[51] L-attriċi tilfet ukoll ħlas ta' elf u erbgħa u sittin Euro (€1,064) minħabba li konsegwenza tal-inċident kellha

[49] *A fol.* 51, 54 u 57, irċevuti maħruġa minn BE Independent Ltd, fl-ammonti ta' €818.50, €70 u €70, li minnhom ġew rifużi €505, u għalhekk fadal bilanċ ta' €453.50 mill-atturi. Irċevuti *a fol.* 60 *et seq.* fl-ammonti ta' €8.30, €17.8, €10.30, €6.30, €19.49, €3.10, €7.76, €3.1, €6.20, €5.61 u €30, għal total ta' €571.46.
[50] *A fol.* 68 *et seq.* tal-proċess.
[51] *A fol.* 78 *et seq.* tal-proċess.

tieqaf mis-*supervision duties* li kienet tagħmel fl-iskola fejn tgħallem[52], sabiex b'hekk id-danni materjali sofferti mill-attriċi jammontaw għal elfejn, mitejn u erbgħa u sittin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€2,264.26).

Dan ifisser li t-total ta' danni materjali li għandhom jitħallsu mill-konvenuta lill-atturi b'mod komplessiv jammonta għal erbat elef, tliet mija u tmienja u tmenin Euro u disa' ċenteżmi (€4,388.09).

*Lucrum Cessans:*

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**[53], il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn

[52] *A fol.* 84 *et seq.* tal-proċess.
[53] P.A., 18.02.2013.

mhumiex assoluti. F'sentenza fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks**[54], ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' tlieta u erbgħin (43) sena, li hi l-età li kellha l-attriċi fiż-żmien meta seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 15. F'sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[55], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
> ...
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-

[54] P.A., 27.04.2005.
[55] P.A., 10.05.2005.

> ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Il-Qorti tqis li *multiplier* ta' 15 huwa wieħed ġust meta wieħed iqis il-*working life expectancy* tal-attriċi, u tenut kont ukoll il-fatt li persuna fl-età tagħha hi mistennija li tibqa' taħdem almenu sal-età ta' 65 sena sabiex tilħaq l-età tal-irtirar.

Fil-każ odjern ġie stabbilit mill-konsulent mediku li eżamina lill-attriċi wara l-inċident, Mr Massimo Abela, li hija baqgħet issofri minn debilità permanenti ta' sitta fil-mija (6%) b'konsegwenza ta' dak li ġara. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tadotta din ir-rata ta' diżabilità permanenti li l-attriċi ser tibqa' ssofri għal ħajjitha kollha.

L-inċident inkwistjoni seħħ fl-2014, preċiżament fl-aħħar ta' Ottubru, iżda Dr Joe Gauci, li hu l-*headmaster* tal-iskola fejn hi impjegata l-attriċi spjega fix-xhieda tiegħu li għall-kumplament ta' dik is-sena, l-attriċi baqgħet tirċievi s-salarju normali tagħha. Fil-fatt jirriżulta li d-dħul tagħha għas-sena 2014 hu ftit ogħla mid-dħul tagħha għas-sena ta' qabel, b'dan illi l-Qorti qiegħda tadotta l-ammont indikat fil-kopja tal-FS3 għas-sena 2014 bħala s-salarju bażiku tal-attriċi, minn fejn jirriżulta dħul gross ta' €26,786 u dħul nett ta' €20,381. Dan is-salarju jrid jiġi aġġustat abbażi tal-għoli tal-ħajja[56] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku tal-attriċi li ser tkun qiegħda taħdem

[56] F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 0.96%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni fis-snin li għaddew skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

fuqu l-Qorti huwa ta' €20,381 + €23,315.86 / 2 = €21,848.43. Huwa dan l-ammont ta' salarju bażiku tal-attriċi li l-Qorti ser tieħu għall-fini tal-komputazzjoni li trid tagħmel.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% minn dawn l-20% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi ppreżentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-kawża nfetħet fis-sena 2016, u ser tinqata' ftit anqas minn tliet snin wara li kien hemm l-ewwel udjenza. Ma jistax jintqal li kien hemm xi delungar da parti ta' xi ħadd jew ieħor mill-partijiet.

Is-salarju medju tal-attriċi ta' €21,848.43 x *multiplier* ta' 15, x 6% diżabilità permanenti sofferta mill-attriċi, iwasslu għaċ-ċifra ta' €19,663.58, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi €15,730.87 Dan huwa l-*lucrum cessans* li ser jiġi likwidat mill-Qorti u li għandu jitħallas lill-attriċi flimkien mas-somma ta' €2,264.26 rappreżentanti danni materjali sofferti minnha, is-somma ta' €1.769.36 rappreżentanti danni materjali sofferti mis-soċjetà attriċi Gasan Mamo Insurance Limited, u s-somma ta' €354.47 bħala danni materjali sofferti mill-attur Paul Ellul, għal total ta' għoxrin elf, mija u tmintax-il Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€20,118.96).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta;**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi, u tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;**
3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi komplessivament fl-ammont ta' għoxrin elf, mija u tmintax-il Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€20,118.96), bis-somma ta' €1,769.36 li għandha titħallas lis-soċjetà attriċi Gasan Mamo Insurance Limited hekk kif issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Paul Ellul, bis-somma ta' €354.47 li għandha titħallas lill-attur Paul Ellul, u bis-somma ta' €17,995.12 li għandha titħallas lill-attriċi Maria Stella sive Maris Ellul;**
4. **Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-atturi is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Frar, 2015 sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.